# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVIL

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' April, 2002.**

**Kawza Numru: 26**

**Citaz. Nru. 448/99 GV**

Doc. 247-02

**Mark Portelli ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta Printline Quality Printers**

**Vs**

**Forocio Limited**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta' konvenuta tinsab debitrici tal-attur fis-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u hamsin centezmi (Lm2,371.50) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet ta' stampar ezegwiti fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta.

Premess illi nonostante interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont, is-socjeta' Forocio Limited baqghet inadempjenti minghajr raguni valida fil-ligi;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti biex:

1. Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u hamsin centezmi (Lm2,371.50) rapprezentanti prezz ta' xogholijiet ta' stampar exegwiti fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Madati kawtelatorju ta' Qbid u Sekwestru ipprezentati kontestwalment, u bl-imghaxxijiet legali b'effett mid-data tal-ezekuzzjoni tax-xogholijiet sal-effettiv pagament, kontra s-socjeta' konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 15 tal-process fejn eccepixxa:

Illi l-allegazzjonijiet huma infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante illi x-xoghol ta' stampar li gie ezegwit kien ta' kwalita' inferjuri, gie moghti tard u thallew affarijiet barra.

Illi l-konvenut di piu sofra danni minhabba li x-xoghol gie mghoddi tard u l-kwalita' kien ferm hazin tant li ntilfu klijenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**TALBA**

L-attur qed jitlob li dina l-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ Lm2,371.50 rapprezentanti prezz ta’ xogholijiet ta’ stampar ezegwit fuq l-inkarigu u ghall beneficcju ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuti eccepew li x-xoghol ta’ stampar li gie ezegwit kien ta’ kwalita’ nferjuri u gie moghti tard u thallew affarijiet barra. Minhabba f’hekk il-konvenuti sofrew danni.

**PROVI**

Dwar it-talba ta’ l-attur xehed Mark Portelli (ara xiehda a fol. 23 u 31) u dan dahal fid-dettal dwar l-ammont li hu dovut lilhom ghal stampar. Hu spjega li l-ammont mitlub jikkonsisti f’’ Lm1,417.50 ghal *printing* tat-tielet *issue*, mentri Lm954 huwa bilanc ta’ pagament fuq it-tieni *issue*. Hu spjega x’kien wassal ghad-dewmien u cioe’ li dan kien dovut ghal dewmien fid-*delivery* tal-*films* da parti tal-konvenuti u minghajrhom huma ma setghux jipprintjaw. Fil-kaz tat-tielet *issue* anke meta gew konsenjati l-*films* instab li faccata minnhom kienet difettuza. Huma kienu ghamlu *deliveries* ta’ *magazine* ghalkemm xi granet tard, izda d-dewmien ma kienx tort taghhom.

Dan kollu gie konfermat minn Alan Friggieri mpjegat ma’ l-attur u li kien ha hsieb il-process tal-*printing* inkluz il-*laying* tal-materjal li jwassal ghall-*printing*, kif ukoll il-gbir tal-materjal necessarju.

Minn naha tal-konvenuti dawn ma ressqu ebda provi biex jissostanzjaw l-eccezzjonijiet taghhom ghalkemm kellhom diversi opportunitajiet biex jaghmlu dana.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddecidi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' elfejn tlett mija u wiehed u sebghin Liri Maltin u hamsin centezmi Lm2,371.50;

bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**